**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-2 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 116/2021 JPG**
**Kawza Numru : 25**

**CG**
**Vs**
**EL**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` CG datat 16 ta' Marzu 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrent izzewweg lil EL fit-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru elf, tlett mija u dsatax tas-sena elfejn u tmienja (1319/2008) – certifikat taz-zwieg hawn anness u market Dok 'A'.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, LG li twieldet f'X, u EG li f'Y, u b'hekk minorenni.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Doriana Arapa tal-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), kopja awtentika tal-istess qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok 'B'.*

*Illi minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti jiddikjara wkoll li l-manteniment dovut ghall-ulied minuri LG u EG kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom huwa mhallas.*

*Illi ghaldaqstant l-esponent jissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.*

*Illi huwa jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn ir-rikorrent CG u EL u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-intimata fejn ikkonferma illi l-istess intimata ma ntavolatx risposta u li ma kellha ebda oggezzjoni ghal ghoti tad-divorzju ghaldaqstant stieden il-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 27);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CG xehed** (vide affidavit fol 21) illi l-partijiet zzewgu nhar it-2 ta' Awwissu 2008 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Settembru 2018, izda sseparaw de facto ghal aktar minn erba' (4) snin qabel id-data tas-separazzjoni. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**EL xehdet** (vide fol 28 et seqq) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Awwissu 2008 liema zwieg jgib certifikat numru 1319/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3 et seqq.) Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Dorianne Arapa nhar il-5 ta' Settembru 2018 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1319/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**